dahru u ħareġ jiġġerra barra mir-raħal u jistenna jsir il-ħin li fih kellha tinqata' xortih.

L-arloġġ tal-knisja daqq it-tmienja nieqsa kwart; Kelinu qam minn fuq il-ġebla xi tliet mitt qasba bogħod mir-raħal, refa' l-ixkubetta, tefagħha fuq spalltu, qabeż ħajt ta' għalqa u ġibed lejn wara l-knisja. Xħin wasal inħeba wara borġ ġebel u qagħad jistenna xi għoxrin minuta sa kemm rahom ġejjin id f'id. Medd l-ixkubetta fuq il-ġebel, daħħal skartoċċ, fetaħ il-grillu u ressaq għajnu u subajh. Iżda bir-rogħda li kellu ma sata' jagħmel xejn, żgur ma kienx jolqothom u jinqabad minngħajr ma jitħallas minnhom. Ħalef waħda ħoxna, qabad l-ixkubetta u telaq jiġri bħal wieħed miġnun qalb l-egħlieqi fid-dlam....

*   *   *

Il-għada ġriet ix-xniegħa mar-raħal li Kelinu nsab taħt ħajt ta' għalqa b'qalbu maqsuma u bl-ixkubetta ħdejn rasu. Kullħadd qal tiegħu fuq dik il-bxara li ħadd ma kien jistenna, kullħadd qal xi ħaġa ġdida biex juri kemm jaf. Fl-aħħar ir-raħal inqasam f'biċċtejn, f'żewġ fehmiet li ma kenux jaqblu ma' xulxin.

Xi wħud—il-biċċa l-kbira—ħasbu li Kelinu waqa' minn fuq il-ħajt u l-ixkubetta sparat f'qalbu; u qalu li xortih ħażina. L-oħrajn—u fosthom Lukarda—ħasbu xi ħaġa oħra... u ma qalu xejn.

Xi ġimgħa wara, ġriet xniegħa oħra mar-raħal minn widna għal l-oħra u kull min semagħha stagħġeb u radd is-salib: Lukarda, li qatt ma kienet xorbot inbit ħlief ftit wara l-ikel, mindu miet Kelinu, kienet tingħalaq id-dar u tixrob kemm fliexken issib sa tisker.... u l-ġirien kienu jisimgħuha titkellem weħidha u ssejjaħ lil Kelinu....

Ġużê Bonnici.

# FTAKAR

Jekk it-tbissîm ta' mħabba
jitbiegħed minn xofftejk,
wid-dawl tat-tama w-l-hena
jinħeba minn għajnejk;

u f'qalbek tagħfas kesħa
ta' diq mudlami w-tqil:
ftakar fil-ward ta' Mejju,
tinsiex ix-xemx t'April.

U jekk il-ward u l-għana
jidwielek ġewwa r-ruħ—
tisma' kull warda tgħanni
u tħoss kull għanja tfuħ;

u xofftok tinsa 'l-qrusa
wil-kemxa ta' l-imrar:
jiġi, tinsiex, Diċembru,
jiġi t-tnehid ta' Frâr.

Għasfur itir lejn bejtu,
Wil-ħajja lejn l-imwiet;
Il-ferħ ibus in-niket,
wil-għana jbus is-skiet.

Jekk, iżda, ttîr xbubitek,
u ġewwa l-lejl hi tmur,
hi tinsa 'l-bejta mwarrba,
u lê ma taf iddur.

J. P. Vassallo

*Nifirħu lil dan l-istudent talli ġie magħżul biex imur jissokta l-istudji tiegħu fl-Università ta' Oxford.*